

Brussell, 31 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7443/26
ADD 1

AGRILEG 57
VETER 38
DELECT 54

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 901 annex
Suġġett:	ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u li jintroduċi deroga għall-movimenti ta' animali ekwini rreġistrati

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 901 annex.

Mehmuż: C(2026) 901 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.3.2026
C(2026) 901 final

ANNEX

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/688 fir-rigward tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) u l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika u li jintroduċi deroga għall-movimenti ta' animali ekwini rreġistrati

ANNEX

“ANNEX IX

MIŻURI TA' MITIGAZZJONI TAR-RISKJI GĦALL-INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-ILSIEN BLU (IS-SEROTIPI 1-24) JEW GĦALL-INFEZZJONI BIL-VIRUS TAL-MARDA EMORRAĠIKA EPIŻOOTIKA FIL-KAŻ TA' MOVIMENTI LEJN STATI MEMBRI OĦRA TA' ANNIMALI MIŻMUMA U SELVAĠĠI TAL-ISPEĊIJET ELENKATI GĦAL DAK IL-MARD

(Imsemmija fl-Artikoli 9, 10, 13, 15, 17, 23, 24, 26, 27, 29, 30 u 101)

Parti 1

Moviment tal-annimali

1. L-annimali miżmuma:
 - (a) ikunu nżammu mill-inqas għall-aħħar 60 jum qabel id-data tat-tluq, jew mit-twelid, jekk ikollhom inqas minn 60 jum, fi stabbilimenti, f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, fl-ispeċijiet elenkati għal dak il-mard matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq; u
 - (b) ma jkunux tlaqqmu b'vaċċin ħaġ kontra l-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika matul l-aħħar 60 jum qabel id-data tal-moviment.
2. L-annimali miżmuma jkunu nżammu fi stabbilimenti, f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, fl-ispeċijiet elenkati għal dak il-mard matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq, u jkun hemm konformità ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) ikunu nżammu f'żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi f'konformità mar-rekwiżiti għaż-żoni staġjonalment ħielsa mill-vetturi stabbiliti fil-Parti 2:
 - (i) għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq jew mit-twelid, jekk ikollhom inqas minn 60 jum; jew
 - (ii) għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq, u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettqa fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi; jew
 - (iii) għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq, u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbur mill-inqas 14-il jum wara d-data tad-dħul tal-annimal fiż-żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi.
 - (b) ikunu nżammu protetti minn attakki minn vetturi mill-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew mill-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika fi stabbiliment protett mill-vetturi li jissodisfa r-rekwiżiti għal stabbiliment protett mill-vetturi stabbiliti fil-Parti 3:
 - (i) għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq jew mit-twelid, jekk ikollhom inqas minn 60 jum; jew

- (ii) għal mill-inqas 28 jum qabel id-data tat-tluq, u jkunu ġew soġġetti għal test seroloġiku, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni miġbura mill-inqas 28 jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi; jew
 - (iii) għal mill-inqas 14-il jum qabel id-data tat-tluq, u jkunu ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi, imwettaq fuq kampjuni mill-inqas 14-il jum wara d-data tal-bidu tal-perjodu ta' protezzjoni kontra l-attakki minn vetturi.
- (c) ikunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, irrapportati matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq f'dik iż-żona u jkunu fil-perjodu ta' immunità, bejn il-bidu tal-immunità u t-tmiem tal-immunità, stabbilit fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin, u jkun hemm konformità ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:
- (i) ikunu tlaqqmu mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq; jew
 - (ii) ikunu tlaqqmu b'vaċċin inattivat u ġew soġġetti għal test tal-PCR, b'riżultati negattivi fuq kampjuni miġbura mill-inqas 14-il jum wara l-bidu tal-immunità stabbilita fl-ispeċifikazzjonijiet tal-vaċċin.
3. L-animali miżmuma jkunu nżammu fi stabbilimenti f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, fl-ispeċijiet elenkati għal dak il-mard matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq, u jkun hemm konformità ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) ikunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, irrapportati matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq f'dik iż-żona;
 - (b) jikkonformaw ma' miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskji meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;
 - (c) l-animali jikkonformaw ma' kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti previsti fil-punt (c) tal-paragrafu 2 jew fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu biss għas-serotipi tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, irrapportati matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq fiż-żona tal-orġini u mhux fiż-żona tad-destinazzjoni matul dak il-perjodu.
4. L-animali selvaġġi jkunu ġejjin minn habitat f'żona b'raġġ ta' mill-inqas 150 km li fiha ma tkun ġiet irrapportata l-ebda infezzjoni tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, fl-ispeċijiet elenkati għal dak il-mard matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq, u jkun hemm konformità ma' mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:
- (a) ikunu ġejjin minn żona staġjonalment ħielsa mill-vetturi f'konformità mar-rekwiżiti għaż-żoni staġjonalment ħielsa mill-vetturi stabbiliti fil-Parti 2 għal mill-inqas 60 jum qabel id-data tat-tluq;
 - (b) ikunu tlaqqmu kontra s-serotipi kollha tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, irrapportati matul l-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq f'dik iż-żona;

- (c) l-annimali jikkonformaw ma' miżuri speċifiċi ta' mitigazzjoni tar-riskji meħtieġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni;
- (d) l-annimali jikkonformaw ma' kwalunkwe wieħed mir-reqwiziti previsti fil-punt (b) jew (c) ta' dan il-paragrafu biss għas-serotipi tal-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew l-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, kif rilevanti, irrapportati għall-aħħar sentejn qabel id-data tat-tluq fiż-żona tal-orijini u mhux fiż-żona tad-destinazzjoni matul dak il-perjodu.

Parti 2

Żoni staġjonalment ħielsa mill-vetturi

1. Fil-każ ta' movimenti lejn Stati Membri oħra ta' annimali tal-ispeċijiet elenkati għall-infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew għall-infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika, jistgħu jiġu stabbiliti żoni staġjonalment ħielsa mill-vetturi jekk il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ħieles mill-vetturi jkunu ntwerew mill-awtorità kompetenti abbażi ta' sorveljanza entomoloġika.
2. Jekk il-perjodu ħieles mill-vetturi jkun intwera b'suċċess għal perjodu ta' 3 snin konsekuttivi, kriterji addizzjonali, bħat-temperatura, jistgħu jieħdu post is-sorveljanza entomoloġika sabiex jissostanzjaw il-bidu u t-tmiem tal-perjodu ħieles mill-vetturi abbażi tal-evidenza xjentifika.
3. Ir-rikonoxximent ta' żoni staġjonalment ħielsa mill-vetturi għandu jiġi rtirat minnufih meta jkun hemm evidenza tat-tmiem tal-perjodu ħieles mill-vetturi jew tal-ewwel ċirkolazzjoni annwali tal-virus tal-ilsien blu (is-serotipi 1-24) jew tal-virus tal-marda emorraġika epizootika.

Parti 3

Stabbiliment protett mill-vetturi

L-istabbilimenti protetti mill-vetturi għandhom jikkonformaw mar-reqwiziti li ġejjin rikonoxxuti, u vverifikati, mill-awtorità kompetenti bi frekwenza xierqa:

- (a) ikollu ostakoli fiżiċi addattati fil-punti tad-dħul u tal-ħruġ;
- (b) il-fetħiet għandhom ikunu skrinjati kontra l-vetturi b'xibka b'gauge xierqa li għandha tkun imxappa b'mod regolari b'insettiċida approvat skont l-istruzzjonijiet tal-manifatturi;
- (c) is-sorveljanza u l-kontroll tal-vetturi għandhom jitwettqu fl-istabbiliment protett mill-vetturi u madwaru;
- (d) għandhom jittieħdu miżuri sabiex jillimitaw jew jeliminaw is-siti tat-tnissil għall-vetturi fil-viċinanza tal-istabbiliment protett mill-vetturi; u
- (e) għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri operattivi standard, inklużi deskrizzjonijiet ta' sistemi ta' back-up u ta' allarm, għall-operazzjoni tal-istabbiliment protett mill-vetturi u t-trasport tal-annimali lejn il-post tat-tagħbija.